MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 7/2011/1

Fl-atti tar-Rikors 7/2011 GG
**Salvina Muscat, Guza Barbara, Carmelo Muscat, Maria Gafa, Emanuel Muscat u Francis Muscat**
**Vs**
**Nicolo' Baldacchino**

Illum 24 ta’ Ottubru 2013

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fis 26 ta' Lulju 2011 mir-rikorrent Nicolo Baldacchino fejn ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Bord, diversament kompost, fis-17 ta' Novembru 2010, fl-ismijiet 'Maria Baldacchino vs Nicola Muscat' Rikors Nru 26/02, fejn l-intimati, lkoll bhala eredi tal-mejjet Nicola Muscat, kienu gew ordnati jizgumbraw mill-art diviza maghrufa bhala 'Tat-Taflija', fil-Girgenti, limiti tas-Siggiewi, u stqarr illi fis 6 ta' Mejju 2011 huwa kien intavola Mandat ta' Zgumbrament kontra l-intimati u, wara, ad insaputa tieghu, sar jaf illi l-intimati

kienu intavolaw proceduri ta' ritrattazzjoni quddiem dana il-Bord u kienu anke talbu li l-ezekuzzjoni tas-sentenza tigi sospiza, liema talba intlaqghet fl-20 ta' Mejju 2011.

Huwa stqarr illi qatt ma kien jaf bil-kawza ta' ritrattazzjoni u lanqas tas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza ddegretat fl 20 ta' Mejju 2011 u, di fatti, fis 26 ta' Mejju 2011, huwa ezegwixxa l-Mandat ta' Zgumbrament bl-assistenza tal-Marixxalli tal-Qorti u tal-Puluzija.

Ghalhekk huwa talab lill dana il-Bord sabiex jirrevoka, 'contrario imperio', id-digriet tal-Bord diversament kompost, datat 20 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta tal-intimati datat 12 ta' Awissu 2011 fejn sahqu illi d-digriet inhareg wara illi giet intavolata r-rikors ta' ritrattazzjoni.

Rat il-fatti kollha, kif jidher riprodott fil-kawza fl-istess ismijiet u deciza illum stess.

**Ikkunsidrat**

Illi, l-ewwel u qabel kollox, l-intimati kienu intavolaw ir-rikors ta' ritrattazzjoni fil 5 ta' Mejju 2011 filwaqt illi r-rikorrent kien intavola il-Mandat ta' Zgumbrament fis-6 ta' Mejju 2011.

Jirrizulta wkoll fl-atti illi t-talba ghas-sospensjoni tas-sentenza saret fis 17 ta' Mejju 2011, jigifieri wara illi gie intavolat il-Mandat ta' Zgumbrament izda qabel ma gie effettwat, u ghalhekk tali talba setghet saret.

Jirrizulta illi llum il-meritu tar-ritrattazzjoni issa gie deciz u ghalhekk l-effetti tas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza gew estinti mad-decizjoni ta' dana il-Bord.

Ghalhekk, il-meritu ta' dana ir-rikors huwa issa superflwu.

Il-Bord ghalhekk qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------